# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Lulju 2014

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija, 2014

(2014/C 247/21)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi [1], u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tif-foka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri [2], li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jieħdu kont tal-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fid- 29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew il-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fl-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-lievi, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari filwaqt li esprimew impenn sħiħ għall-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż-.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni [3] dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali 2013 tar-Rumanija u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija għall-perijodu 2012-2016.

(5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2014 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni, abbażi tar- Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Allarm.

(1) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
(2) Miżmuma għall-2014 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/322/UE tat- 6 ta' Mejju 2014 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 49).
(3) ĠU C 217, 30.7.2013, p. 67.

(6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex jiġu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidament fiskali u azzjoni biex jitrawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir-, li jerġgħu jinġiebu l-kondizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(7) Fis-6 ta' Mejju 2014, ir-Rumanija ressqet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 tagħha u fil-5 ta' Mejju 2014, il-Programm ta' Konverġenza 2014 tagħha. Sabiex jittieħed kont tal-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(8) Fit-22 ta' Ottubru 2013 , il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/531/UE [1] li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal terminu-medju lir-Rumanija sa EUR 2 biljun sa Settembru 2015. Għajnuna finanzjarja għal terminu prekawzjonarja għar-Rumanija skont il-faċilità ta' bilanċ ta' pagamenti għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro kienet ikkunsidrata adatta minħabba l-flussi ta' kapital instabbli li jolqtu b'mod partikolari lis-sieq emerġenti, lir-riskji għax-xenarju makroekonomiku, u lill-vulnerabbilitajiet li baqa' fis-settur bankarju. Filwaqt li, taħt il-kondizzjonijiet tas-suq preżenti, ir-Rumanija mhix bihsiebha titlob il-ħlas ta' ebda pagament parzjali, l-għajnuna prekawzjonarja hi mistennija li tgħin tikkonsolida l-istabbiltà makroekonomika, baġitarja u finanzjarja u, permezz tas-segwitu ta' riformi strutturali, iżżid ir-reżiljenza u l-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomija Rumena. Il-Memorandum ta' Ftehim tas-6 ta' Novembru 2013 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu skont għajnuna prekawzjonarja tal-UE jikkomplementa u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet- speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. L-għajnuna finanzjarja prekawzjonarja tal-UE ser tkun kondizzjonali hekk kif jiġi implimentat programm ta' politika ekonomika komprensiva, b'fokus partikolari fuq il-miżuri ta' riforma strutturali inkluż dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi -għall-pajjiż relatati mal-kapaċità amministrattiva, ir-riformi tas-suq tal-prodotti, l-ambjent tan-negozju, is-swieq tax-xogħol, il-pensjonijiet l-intrapriżi -tal-istat, u l-kura tas-saħħa. Din l-aġenda ma teżentax lill-Gvern milli jimplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha speċifiċi -għall-pajjiż. Il-prijoritizzazzjoni, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Fehim u rakkomandazzjonijiet speċifiċi- għall-pajjiż, għandhom jiġu ttrattati fejn jittieħdu Deċiżjonijiet ta' prijorità, b'mod koerenti.

(9) L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-programm ta' konverġenza tal-2014 huwa li jinkiseb l-objettiv ta' terminu -medju ta' defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG fl-2015, li jirrifletti r-rekwiżit tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u li jibqa' fih minn hawn 'il quddiem. Fl-2014, ir-Rumanija qed tibbenifika mill-possibbiltà ta' devjazzjoni temporanja mit-triq ta' aġġustament lejn objettiv għal terminu- medju permess għal proġetti ffinanzjati b'mod konġunt. Id-devjazzjoni temporanja għandha tiġi kumpensata fis-sena ta' wara. Il-Programm ta' Konverġenza jippjana stabbilizzazzjoni ta' bilanċ strutturali (rikalkulat) fl-2014 u titjib ta' 0,8 % tal-PGD fl-2015. In-nefqa hija prevista li tikber b'ritmu konsistenti mal-valur referenzjaru tan-nefqa fl-2014 u fl-2015. Il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa previst li jilħaq 40 % fl-2015, u li jonqos fl- 2016-2017. Inġenerali, l-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Konverġenza hi konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ix-xenarju makroekonomiku li jsostni l-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huwa plawżibbli. Huwa konformi b'mod wiesa' mal-previżjoni tar-rebbiegħa 2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni. Madankollu l-istima tal-PDG potenzjali li ssostni l-Programm ta' Konverġenza hija kemxejn ogħla, prinċipalment minħabba perspettiva aktar ottimista tas-suq tax-xogħol. Hemm riskji ta' telf ta' valur għall-pjani baġitarji tal-2014 relatati mal-kontroll tan-nefqa u ġbir tat-taxxi aktar baxx -milli- kien previst.. Barra minn hekk, għall-2015 u lil hinn, il-miżuri li jsostnu t-triq fiskali proposta għadhom ma ġewx speċifikati.

Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni, minkejja deterjorament żgħir fil-bilanċ strutturali fl-2014, ir-Rumanija hija konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2014, b'kont meħud tad-devjazzjoni temporanja permessa għal proġetti ffinanzjati b'mod konġunt. Għall-2015, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament strutturali meħtieġ, b'kont meħud tal-kumpens meħtieġ għad-devjazzjoni temporanja permessa għal proġetti ffinanzjati b'mod konġunt). Barra minn hekk, ir-Rumanija hija prevista li tiddevja mill-valur referenzjarju tan-nefqa fl-2015. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza u l-previżjoni tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Programm ta' Konverġenza jippreżenta riskji ta' devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2015.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/531/UE tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-Unjoni għal terminu medju- lir-Rumanija (ĠU L 286, 29.10.2013, p. 1).

(10) Il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa fl-oqsma tal-VAT, inklużi l-iskema trans-konfinali, id-dazji, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni fuq id-dħul jibqgħu sfida maġġuri. Il-progress tanġibbli fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat huwa limitat, filwaqt li l-effettività tal-istrateġija għall-konformità mat-taxxa hija mxekkla min-nuqqas ta' miżuri ta' implimentazzjoni u realistiċi u vinkolanti fokus suffiċjenti fuq il-prevenzjoni. Riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa biex tiżdied l-effiċjenza tagħha hija kurrenti; il-kooperazzjoni amministrattiva trans-konfinali, b'mod partikolari fil-qasam tal-VAT, tibqa' dgħajfa. Il-porzjon tat-taxxa fuq dawk bi dħul baxx jew medju- jibqa' għoli u jinkoraġġixxi x-xogħol mhux iddikjarat u -d-dħul mhux iddikjarat. Sar xi progress fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali, billi s-sistema tat-tassazzjoni tal-vetturi tjiebet u dazji tas-sisa fuq il-fjuwil żdiedu u issa huma awtomatikament indiċizzati. Ir-Rumanija tiffaċċa riskji ta' sostenibbiltà għal terminu- twil, prinċipalment minħabba n-nefqa relatata -mal-età. Hemm tħassib dwar is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjoni minħabba l-proporzjon baxx ta' kontributuri impjegati għall-persuni li qed jieħdu l-pensjoni. Ir-Rumanija ħadet passi biex, mill-2035, l-età tal-pensjoni għan-nisa u l-irġiel tkun l-istess.

(11) L-użu ineffiċjenti tar-riżorsi u ġestjoni inadegwata jżidu r-riskju ta' sostenibbiltà fiskali fis-settur tas-saħħa. Pagamenti informali mifruxa fil-kura tas-saħħa pubbliċi jkomplu jfixklu l-aċċessibilità, l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema. Inbdew riformi biex tittejjeb l-effiċjenza tas-settur tal-kura tas-saħħa u s-sostenibbiltà tiegħu iżda jinħtieġu sforzi kontinwi. Uħud minn dawn il-miżuri qed iġarrbu dewmien u jsofru minn finanzjament insuffiċjenti u kapaċità baxxa tas-servizzi. It-tnaqqis tal-użu eċċessiv tal-isptar -fil-kura tal-pazjent u t-tisħiħ tas-sistemi ta' kura primarja u ta' konsultazzjoni ser iżidu l-koste-ffettività. Tnedew riformi ulterjuri tas-sistema tal-kura tas-saħħa mmirati biex itejbu s-saħħa tal-popolazzjoni permezz tal-promozzjoni, fost affarijiet oħra, l-aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità.

(12) L-inattività għolja, in-nuqqas ta' utilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol u l-ħtieġa li tiżdied il-kwalità u l-produttività tal-forza tax-xogħol jibqgħu sfidi ewlenin tas-suq tax-xogħol Rumen. Il-kwalità tat-tiftix ta' mpjieg pubbliku u s-servizzi ta' taħriġ mill-ġdid għadha pjuttost baxxa, minkejja xi miżuri -fuq skala żgħira. Riżorsi limitati fi ħdan is-servizz pubbliku tal-impjiegi u nuqqas ta' kejl ta' prestazzjoni jillimitaw it-twassil effiċjenti ta' servizzi personalizzati lil dawk li qed ifittxu xogħol, lis-servizzi ta' min iħaddem u l-integrazzjoni ta' politiki tas-suq tax-xogħol attivi u passivi. Ir-Rumanija għandha persentaġġ għoli u li qed dejjem jiżdied ta' żgħażagħ li la qed jaħdmu u lanqas mhuma qed jistudjaw jew isegwu xi taħriġ (17,3 % fl-2013). Strateġija Nazzjonali ta' Tixjiħ Attiv biex tiġi appoġġata żieda fir-rata tal-impjiegi ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età ġiet posposta u issa hija mistennija fi tmiem l-2014.

(13) M'hemm l-ebda linja gwida trasparenti għall-istabbiliment ta' paga minima li tinvolvi s-sħab soċjali li għandhom l-għan għan li jappoġġaw l-impjiegi u l-kompetittività u s-salvagwardja ta' dħul tax-xogħol b'mod sostenibbli.

(14) Ir-Riforma tal-Edukazzjoni tal-2011, li stabbilit aġenda għal terminu- fit-tul għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, mhix kompletament operazzjonali, minħabba riżorsi finanzjarji u umani ineffiċjenti. Wara tnaqqis f'daqqa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-aħħar 20 snin, diversi riformi u proġetti pilota nbdew fi snin reċenti iżda d-disponibbiltà tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol u l-involviment tan-negozji fit-tagħlim abbażi tax-xogħol-u-apprendista għadhom baxx. Diskrepanzi fil-ħiliet importanti jippersistu għall-gradwati tal-edukazzjoni terzjarja u r-rabta bejn in-negozju u l-akkademja għadha dgħajfa, kif jidher minn rata għolja ta' qgħad u l-ħafna gradwati universitarji li jiġu impjegati fi professjonijiet li ma jikkorrispondux għat-taħriġ tagħhom jew f'impjiegi li jirrikjedu livelli aktar baxxi ta' kwalifiki. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għadu fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola jibqa' wieħed mill-ogħla fl-Unjoni u issa huwa ogħla minn qabel l-2010, u jaffettwa b'mod partikolari r-Roma. L-impjieg tan-nisa huwa mfixkel minn provvista baxxa ta', u aċċess limitat għal faċilitajiet ta' kwalità abbordabbli għall-kura tat-tfal, b'mod partikolari għall-dawk bejn 0 sa 3 -snin.

(15) It-tnaqqis tal-faqar jibqa' sfida maġġuri. Minkejja sitwazzjoni tal-impjiegi relattivament stabbli, id-dħul gross tal-familji naqas u l-inugwaljanzi fid-dħul qegħdin jiżdiedu. Il-familji bit-tfal huma partikolarment esposti. Kien hemm progress limitat fl-aċċellerazzjoni tat-transizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik alternattivi għat-tfal m'għandhomx kura mill-ġenituri. Għad hemm għadd kbir ta' persuni b'diżabilità f'istituzzjonijiet residenzjali kbar, filwaqt li s-servizzi komunitarji għall-persuni b'diżabilità mhumiex żviluppati biżżejjed. L-adozzjoni, il-kopertura u l-adegwatezza baxxi- tal-benefiċċji soċjali jibqgħu ta' sfida għall-effiċjenza tal-benefiċċji soċjali biex jitnaqqas il-faqar. L-introduzzjoni tad-Dħul Minimu ta' Inserzjoni li jikkombina tliet benefiċċji soċjali (id-Dħul Minimu Garantit, l-allowance tal-familja u benefiċċji għat-tisħin) ippjanata għall-2015 ġie posposta. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom bdiet fl-2012, iżda l-allokazzjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' pjani ta' azzjoni ewlenin kien insuffiċjenti u r-riżultat huma modesti. Hemm dewmien fir-reviżjoni tal-Istrateġija u l-implimentazzjoni ta' pjani ta' azzjoni riveduti.

(16) Il-kapaċità dgħajfa tal-amministrazzjoni pubblika biex jiġu żviluppati u implimentati il-politiki tibqa' sfida ewlenija għar-Rumanija, waqt li xxekkel l-iżvilupp globali tal-pajjiż, l-ambjent tan-negozju u l-kapaċità ta' investiment pubbliku, filwaqt li mhix permessa l-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità suffiċjenti. Il-kawżi strutturali li wasslu għal livell baxx ta' kapaċità amministrattiva ġew analizzati fl-2013. Abbażi ta' dan, strateġija 2014-2020 dwar it-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika qed titħejja attwalment u hu mistenni li tkun finalizzata sa nofs- l-2014.

(17) Minkejja progress importanti, ir-rata ta' assorbiment għall-fondi tal-UE tibqa' waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni. Sistemi kontinwament dgħajfa ta' ġestjoni u kontroll u prattiki tal-akkwist pubbliku jista' jkollhom impatt negattiv fuq it-tħejjijiet għal u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi. L-ippjanar strateġiku u prijoritizzazzjoni tal-politika tal-gvern ċentrali kif ukoll prijoritizzazzjoni tal-politika u l-ippjanar baġitarju multi-annwali fil-livell tal-Ministeri kkonċernati b'portafolli ta' investiment importanti jibqgħu sfida. Il-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku tbati minn instabbiltà u nuqqas ta' koerenza. L-organizzazzjoni istituzzjonali, b'atturi multipli u ta' spiss responsabbiltajiet sovraposti mhix mgħammra biex tindirizza n-nuqqasijiet u tipprovdi gwida adatta għall-awtoritajiet kontraenti. Il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interessi jibqgħu ta' tħassib għall-awtoritajiet kontraenti. Sistema ta' kontrolli ex ante għal kunflitti ta' interess fil-proċess tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku hi mistennija li ssir operazzjonali sa tmiem l-2014.

(18) Il-kwalità inadegwata ta' regolamenti u n-nuqqas ta' trasparenza u prevedibbiltà tal-qafas regolatorju jxekklu lin-negozji u liċ-ċittadini. Proċeduri għall-akkwist tal-elettriku, li jittrattaw ma' permessi ta' kostruzzjoni u l-ħlas ta' taxxi għadhom kumplessi. Id-drittijiet ta' proprjetà mhux ċari jirrappreżentaw sfida oħra għall-ambjent ta' negozju tar-Rumanija; anqas minn 50 % tal-proprjetà immobbli huma reġistrati fis-sistema ta' entrati tal-art u madwar 15 % biss tal-proprjetà immobbli huma verifikati u reġistrati diġitalment. Ir-Rumanija għamlet xi progress fit-titjib tal-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, iżda dawn il-kwistjonijiet jibqgħu ta' tħassib għan-negozji li jfittxu rimedju effettiv. Ir-resistenza għall-integrità u l-miżuri kontra- l-korruzzjoni fil-livell politiku u amministrattiv għadha qawwija.

(19) Ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fis-suq tal-elettriku għall-konsumaturi industrijali spiċċat fl-2013 u l-eliminazzjoni gradwali- tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-gass u l-elettriku għadha kurrenti. L-effiċjenza u t-trasparenza tal-governanza tal-intrapriżi -tal-istat f'dawn is-setturi tirrappreżenta sfida maġġuri. Id-deregolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija hija mistennija li ġġib inċentivi biex itejbu l-effiċjenza tal-enerġija, għalkemm miżuri konkreti u impenji ta' riżorsi huma meħtieġa biex ikomplu jtejbu l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini, it-tisħin distrettwali, l-industrija u s-setturi tat-trasport urban. L-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku u l-gass tar-Rumanija fis-swieq tal-UE tibqa' inkompluta u għad hemm ostakli sostanzjali għall-implimentazzjoni ta' konnessjonijiet trans-konfinali għall-gass, li jikkontribwixxi biex titjib id-diversifikazzjoni tal-provvista.

(20) L-infrastruttura sottożviluppati bażika tat-trasport tkompli tkun ta' ostaklu għat-tkabbir fir-Rumanija. It-tkabbir għoli tal-flotta tal-vetturi u l-kwalità baxxa tal-infrastruttura tat-toroq ifixklu lin-negozji u lill-ekonomija. Il-manutenzjoni inadegwata tan-netwerk ferrovjarju affettwat is-sikurezza u l-affidabbiltà. It-trasport ta' merkanzija fuq passaġġi fuq l-ilma interni jibqa' ferm anqas baxx mill-potenzjal tiegħu, b'mod partikolari fuq id-Danubju. L-ineffiċjenza u l-governanza mhux- trasparenti tal-intrapriżi- tal-istat fis-settur tat-trasport ifixklu l-iżvilupp tal-infrastrutturi tan-netwerk.

(21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Rumanija. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Hija ma ħaditx kont biss tar-rilevanza tagħhom għal politika soċjo-ekonomika u fiskali sostenibbli fir-Rumanija iżda wkoll tal-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi tipprovdi kontribut fil-livell tal-UE- f'deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (8) ta' hawn taħt.

(22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (2) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni tul il-perijodu 2014-2013 biex:

1. Timplimenta l-programm ta' għajnuna finanzjarja UE/FMI billi tindirizza kompletament il-kondizzjonalità - politika inkluża fil-Memorandum ta' fehim tas-6 ta' Novembru 2013 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu - li jikkumplimentaw u jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi- għall-pajjiż.

2. Timplimenta strateġija baġitarja għall-2014, li ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-isforz baġitarju li jintlaħaq l-objettiv għal terminu -medju fl-2015 f'konformità mal-impenji skont il-programm ta' Bilanċ ta' Pagamenti u kif rifless fil-Programm ta' Konverġenza tal-2014, b'mod partikolari billi jiġu speċifikati l-miżuri sottostanti, u tibqa' fl-objettiv għal terminu- medju minn hawn 'il quddiem. Ittejjeb il-ġbir tat-taxxa billi tkompli timplimenta strateġija komprensiva ta' konformità mat-taxxa, li tintensifika l-isforzi sabiex tnaqqas il-frodi tal-VAT. Tiġġieled kontra x-xogħol mhux dikjarat. Tnaqqas il-piż tat-taxxi għal dawk bi dħul baxx- jew medju- b'mod li ma jaffettwax- il-baġit. Tiffinalizza r-riforma tal-pensjonijiet li nbdiet fl-2010 billi tagħmel ugwali l-età tal-pensjoni tal-irġiel u n-nisa.

3. Tintensifika r-riformi fis-settur tas-saħħa biex jiżdiedu l-effiċjenza, il-kwalità u l-aċċessibilità, inkluż għall-persuni żvantaġġati u l-komunitajiet remoti u iżolati. Iżżid l-isforzi biex jitrażżnu ħlasijiet informali, inkluż permezz ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll korretti.

4. Issaħħaħ il-miżuri ta' suq tax-xogħol -attiv u l-kapaċità tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Impjieg. Tagħti attenzjoni partikolari lill-attivazzjoni ta' żgħażagħ mhux irreġistrat. Issaħħaħ il-miżuri li jippromwovu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema akbar fl-età. Tistabbilixxi, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, linji gwida ċari dwar l-iffissar tal-pagi minimi trasparenti, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol.

5. Iżid il-kwalità u l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-apprendistati, l-edukazzjoni terzjarja u tat-tagħlim tul il-ħajja u tadattahom għal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Tiżgura aċċess aħjar għall-edukazzjoni u l-kura minn kmieni fit-tfulija.

6. Sabiex jittaffa l-faqar, iżżid l-effiċjenza u l-effikaċja tat-trasferimenti soċjali, b'mod partikolari għat-tfal, u tkompli r-riforma tal-assistenza soċjali, billi ssaħħaħ r-rabtiet tagħha mal-miżuri ta' attivazzjoni. Tintensifika l-isforzi biex jiġu implimentati l-miżuri previsti li jiffavorixxu l-integrazzjoni tar-Roma fis-suq tax-xogħol, iżidu l-attendenza fl-iskola u jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, permezz ta' approċċ ta' sħubija u mekkaniżmu ta' monitoraġġ robust.

7. Tintensifika l-isforzi biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari billi ttejjeb l-effiċjenza, il-ġestjoni tar-riżorsi umani, l-għodod għat-teħid- tad-deċiżjonijiet u l-koordinazzjoni fi ħdan u bejn il-livelli differenti tal-gvern; u billi ttejjeb t-trasparenza, l-integrità u l-affidabbiltà. Taċċellera l-assorbiment tal-fondi tal-UE, issaħħaħ is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, u ttejjeb il-kapaċità tal-ippjanar strateġiku, inklużi l-element baġitarju multiannwali. Tindirizza n-nuqqasijiet persistenti fl-akkwist pubbliku. Tkompli ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, tiġġieled kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet tal-qorti.

[1] Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

8. Tippromwovi l-kompetizzjoni u l-effiċjenza fl-industriji tat-trasport u l-enerġija. Taċċellera ir-riforma ta' governanza korporattiva tal-intrapriżi- tal-istat fis-setturi tal-enerġija u t-trasport u żżid l-effiċjenza tagħhom. Itejjeb u tissimplifika l-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika. Ittejjeb l-integrazzjoni trans-konfinali tan-netwerks tal-enerġija u tippermetti flussi fiżiċi fid-direzzjoni opposta fl-interkonnessjonijiet tal-gass bħala kwistjoni ta' prijorità.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN